Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 328/2014

Il-Pulizja

Assistent Kummissarju Norbert Ciappara

Vs

John Farrugia

Illum 6 ta' Jannar, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant John Farrugia, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 322591M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

F'dawn il-Gzejjer fit-2 ta' Marzu 2005 u matul l-ahhar gimghat ta' qabel din id-data:

a) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna jew persuni minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, u minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta, li

jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja jew kien xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-Regolamenti tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) Kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna jew persuni minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, u minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta, li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja jew kien xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-Regolamenti tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu personali tieghu.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tad-9 ta' Lulju, 2014, fejn il-Qorti wara li rat wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u (ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u r-Regolamenti 4 u 9 tal-GN 292/1939, sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal piena ta' **tminn (8) xhur prigunerija effettiva** u **multa ta' disa' mitt Euro (€900)**, li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt Euro (€100). L-ewwel pagament ghandu jsir fi zmien xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qed tigi b'din is-sentenza erogata, u ghal dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero` jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) jew parti minnhom dovuti.

Il-Qorti ikkundannat lill-hati ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghall-hlas tal-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-espert Godwin Sammut, liema spejjez jammontaw ghas-somma ta' mitejn, erbgha u tmenin Euro u hamsin centezmu (Eur 284.50). Dawn l-ispejjez ghandhom jithallsu fi zmien sena mil-lum, b'dan illi jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' jum habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

Il-Qorti irrakkomandat lid-Direttur tal-Habs sabiex in vista tal-kundizzjoni medika tal-hati, huwa jinzamm fil-*Forensic Unit* gewwa l-Isptar Monte Karmeli u tinghata lilu l-kura kollha necessarja.

Il-Qorti ordnat d-distruzzjoni tad-droga u l-affarijiet relatati mal-abbuz tad-droga, li jifformaw parti minn Dokument NC, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u

dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *process-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Il-Qorti ordnat ukoll illi kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Habs.

Rat ir-rikors tal-appell ta' John Farrugia, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-2 ta' Lulju, 2014, fejn talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt illitikkonfermaha fil-parti fejn sabithu hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, tirriformaha fil-parti tal-piena inflitta u dan billi minlok timponi piena aktar ekwa u gusta ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant John Farrugia huma s-segwenti w cioe':-

Illi dan l-appell qed ikun limitat biss ghal dak illi hija l-piena erogata fil-konfornti tal-appellant minn l-ewwel Qorti, u dan peress illi ma hemmx kontestazzjoni dwar htija o meno stante illi l-appellant kien irregistra ammissjoni ghal l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu matul is-smiegh ta' dawn il-proceduri. Jigi umilment sottomess pero', illi meta wiehed jikkonsidra l-fatti kollha tal-kaz, il-piena ta' tmien (8) xhur prigunerija, flimkien ma' multa fl-ammont disa mitt ewro (€900) hija wahda sproprzjonata.

Fl-ewwel lok, ghalkemm l-ewwel Qorti ghamlet accenn ghal fatt illi meta qed tqis il-piena li ghandha tigi mposta, hija kkunsidrat il-fatt illi l-appellant irregistra ammissjoni, jidher illi effettivbament din ma gietx imbghad riflessa fil-piena erogata. Fit-tieni lok, l-ammont tad-droga nvoluta kienet biss ta' 0.61gramma, b'purita' ta' cirka 28% u ghalhekk certament illi ma kienx hemm raguni valida ghalfejn il-Qorti ma timponix il-piena minima u cioe' dik ta' sitt (6) xhur prigunerija. Inoltre, ghalkemm huwa minnu illikif irrimarkat l-ewwel Qorti fis-sentenza moghtija fil-konfront tal-appellant u cioe' illi l-appellant ma ghandux fedina penali netta, ir-reati li taghhom kien instab hati precedintement, ma kienux xi reati ta' natura serja, u filfatt jirrigwardjaw pussess semplici tad-droga. Di più l-appellant ma kienx akkuzat bl-addebitu tar-recidiva. Inoltre, l-ewwel Qorti kellha tkun klementi mal-appellant, anke in vista tal-fatt illi kif irrizulta mill-provi prodotti quddiem l-Ewwel Qorti, huwa persuna marida serjament.

Jidher car illi l-appellant kien ilu bi problema serja ta' abbuz tad-droga, li issa jidher huwa kien qed jinirizza serjament. Filfatt, kif jirrizulta mix-xhieda tar-rapprezentant tas-Sedqa Vicky Scicluna, l-appellant kien irrikorra ghandhom ghal ghajnuna u li urine samples li ttiehdulu kienu negattivi ghal kwalunkwe sustanzi lleciti. Dan ifisser illi l-appellant kien qed jaghmel hiltu kollha sabiex jeghleb il-problema illi huwa kellu.

Illi bosta drabi l-Qrati sahqu fuq il-bzonn ta' piena li ghandha tkun mezz riformattiv, a skapitu tal-mezz deterrent fil-piena. Fil-fatt fis-sentenza il-Pulizija vs Stephen Spiteri mgohtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Settembru, tas-sena elfejn u tlieta (2003), il-Qorti qalet illi:

Konsiderata l-piena bhala mezz ta' riforma tal-imputat fl-interess tieghu u tas-socjeta', izjed u izjed din il-piena karcerarja tidher inadatta. Infatti, permezz taghha, tifel ta' kondotta sa issa tajba, u li diga' bil-fatti, wera' soghba tar-reat li ghamel, ser jinxtehet ghal-soggorn ma' nies li fil-maggoranza taghhom huma delinkwenti recidivi multipli. B'hekk minflok jigi riformat, hemm il-possibilita' illi huwa jiehu lezzjonijiet fid-delinkwenza .. tara illi huwa opportun illi inehhi l-impressjoni illi l-iskop tal-ligi kriminali u tal-piena huwa biss illi jkun ta' deterrent biex jghallefm lil dak li jkun illi 'crime does not pay'. Huwa certament kuncett illi ghamel zmien u

kien il-kuncett predominanti, pero' llum il-kuncett m'huweix aktar ta' piena retributtiva, imma ta' sistema restorattiva, fejn anke jekk hu possibbli u safejn hu possibbli, u tenut kont anki tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, kif ukoll tal-precedenti kriminali tal-imputat, isir tentattiv biex mhux biss issir rikonciljazzjoni bejn l-agent tad-delitt u l-vittma li tkun sofriet danni u anke sofferenzi ohrajn, imma nki illi jkun hemm possibilita' illi dakli jkun jigi nformat u jikkonvinci ruhu illi ghandu jsegwi t-triq it-tajba.

F'dan l-istqadju l-appellant jaghmel referenza ghal diversi sentenzi fejn anke persuni li sahansitra kienu recidivi, (mhux bhal fil-kaz tieghu peress illi huwa persuna b'kondotta kompletament netta) wkoll nghataw opportunita ohra, permezz ta' piena ridotta, sempliciment peress illi ma baqghux fit-triq li kienu fiha qabel u cioe' fil-perjodu meta sehhew ir-reati li taghhonm gew akkuzati.

Fis-sentenza fl-ismijiet ta' Il-Pulizija vs Charlot Aqulina, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati fis-sebgha (7) ta' Novembru, tas-sena elfejn u tmienja (2008). Fis-sentenza precitata, il-Qorti sahqet fuq il-bzonn, illi persuna ghandha tinghata cans iehor fil-hajja taghha, la darba turi car illi hemm ir-rieda ta' bidla. F'dan il-kaz, ghalkemm l-akkuzi teighu kienu ta' natura serja, l-aktar peress illi akkuzat bhal l-appellant kien recidiv, il0-Qorti sahqet illi l-imputat kellu jinghata cans iehor billi tigi mposta fuqu ordni ta' Probation.

Ghal finijiet ta' piena il-Qorti kkunsidrat bir-reqqa kollha dovuta is-Social Inquiry Report esebit a fol. 104 et sequitur tal-process minn fejn jirrizulta li l-imputat kellu trobbija instabbli , li huwa kellu problema serja ta' abbuz mid-droga.. u li huwa ilu ma jabbuza mid-droga b'mod kontinwu ghal dawn l-ahhar erba' snin.. li tul dawn l-ahhar erba snin kienu qed isiru urine sample tests lill-imputat u dawn dejjem irrizulta fin-negattiv… Il-Qorti wara li kkunsidrat dan kollu jidrilha li ghalkemm mill-fedina penal ital-imputat jirrizulta li huwa inghata opportunitajiet rega' qabad it-triq il-hazina ghaliex kien ghadu jabbuza mid-droga, irrizulta wkoll li dawn l-incidenti jirrizalu ghal qabel is-sena 2003, u cioe' ghal qabel ma l-imputat beda u ttermina b'success il-programm residenzjali, u ghalhekk l-imputat ghandu jinghata l-ahhar opportunita' sabiex jirriforma ruhu u jaqbad definittivament it-triq it-tajba

specjalment meta wiehed jikkunsidra li llum il-gurnata l-imputat oltre li ttermina b'success il-programm residenzjali ghandu xoghol stabbli u anki hajja famijari wkoll pjuttost stabbli.

Fis-sentenza, Il-Pulizija vs Ritmar Hatherly u Justin Farrugia, deciza mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Ottubru, 2008, il-Qorti, filwaqt li ghamlet referenza ghal xi kazijiet ohra qalet hekk: Issa, ghalkemm huwa veru li qorti ghandha dejjem toqghod attenta li ma tizvalutax il-mizuri mhux karcerarji a dispozizzjoni taghha b'applikazzjoni taghhom bl-addocc u minghajr ma tiehu kont xieraq tal-antecedenti penali ta' dak li jkun, mill-banda l-ohra is-semplici fatt li persuna tkun precedentement inghatat probatuion jew conditional discharge ma jfissirx necessarjament li ma tkunx tista' jew li m'ghandiex, fil-kazijiet li jikkwalifikaw terga' tinghata probation jew conditional discharge jew tigi applikata fil-konfront taghha xi mizura ohra that il-Kap 446. F'dan ir-rigward din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li nghad fis-sentenza taghha tat-18 ta' Jannar, 2001 fl-ismijiet Il-Pulizija vs George Farrugia: "Issa, huwa veru li l-appellat ghandu fedina penali li ftti din il-Qorti rat bhalha. Bizzejjed jinghad li dina l-fedina penali tiehu xejn anqas minn 42 faccata. L-appellat illum ghandu erbghin sena, u f'dawn l-erbghin sena huwa kellu xejn anqas minn 77 kundanna mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali. Kien hemm xi okkazzjonijiet fis-snin sebghin u fil-bidu tas-snin disghin meta l-Qrati applikaw fil-konfront teighu sia l-artikolu 5 kif ukoll l-Artikolu 9 tal-Kap 152; il-bqija tal-kundanni, pero' jinvolvu multi u habs… "Apparti li din il-Qorti ma tistax taqbel ma l-Avukat Gnerali fejn dan jghid li s-sitwazzjoni tal-appellat hija "irriversibbli" – fil-fehma tal-Qorti hija l-mewt biss li ggib stat jew sitwazzjoni ta' irrevrsibilita' assoluta – anqas ma tista' din il-Qorti tikkondividi l-fehma tal-Avukat Generali li Ordni ta' Probation hu indikat biss ghal 'first offenders' zaghzagh. Anke fil-kaz ta' persuna ta' eta' mhux zghira u li forsi hu recidiv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna a window of opportunity li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-crikolu ta' kundanni u ta' prigunerija.

Illi dan kollu qed jinghad ukoll in vista tal-fatt illi llum anke persuna illi effettivament tigi kkundannata ghal piena karcerarja, tinghata kull opportunita'

possibli, u dan bl-introduzzjoni tal-parole, fejn parti mill-piena biss tigi skontata fil-facilita' korrettiva ta' Kordin.

Jigi umilment sottomess illi finalment meta tigi biex timponi l-piena, din l-Onorabbli Qorti ma tistax tiskarta l-gurisprudenza recenti kemm tal-Qrati taghna, u kif ukoll dawk tad-Drittijiet tal-Bniedem, u tal-fatt illi l-imputazzjoni ta' traffikar addebitata lil appellant kienet tirrizulta biss u strettament minn l-istqarrija li huwa rrilaxxja lil Pulizija matul l-interrogazzjoni tieghu.

Ikkunsidrat,

Illi l-imputat qieghed iressaq l-impunjattiva tieghu kontra id-decizjoni appellata u dan limitatament ghal dak li jirrigwarda l-piena erogata mill-Ewwel Qorti billi jishaq illi fic-cirkostanzi specjali ta' dan il-kaz l-Ewwel Qorti kellha tikkommina l-piena fil-minimu u cioe' dik ta' sitt xhur prigunerija u mhux tmienja.

Jishaq l-appellanti illi huwa kien irregistra ammissjoni ghar-reati addebitati lilu, oltre ghall fatt illi l-ammont ta' droga involuta kienet wahda minima ta' 0.61 gramma ta' eroina b'purita baxxa ta 28%. Jikkontendi illi tenut kont tal-istat ta sahha hazina tieghu, l-Ewwel Qorti kellha tkun iktar klementi mieghu, iktar u iktar meta huwa qieghed jindirizza l-problema tieghu tal-vizzju tad-droga u qed jaghmel hiltu biex johrog minn dan il-vizzju qerriedi.

Illi il-Qorti fliet bir-reqqa il-motivazzjoni li wasslet lill-Ewwel Qorti biex teroga il-piena ta' tmien xhur prigunerija  u tqies illi l-impunjattiva sollevata mill-appellanti giet mehuda in konsiderazzjoni fid-decizjoni appellata, tant illi indubbjament l-piena erogata hija vicin hafna lejn il-minimu u kwindi certament illi l-Ewwel Qorti kienet miti hafna lejn l-imputat u hadet in konsiderazzjoni ic-cirkostanzi kollha tal-kaz meta giet biex tinfliggi il-piena ghar-reati li dwarhom kienet qed tinstab htija.

Illi gie stabbilit b'mod kopjuz fil-gurisprudenza illi qorti ta' revizjoni bhala regola ma tirrimpjazzax il-piena moghtija mill-ewwel Qorti b'dik li kieku hija – cioe` din il-Qorti – kienet taghti f'dawk ic-cirkostanzi kemm-il darba ma jkunx jirrizulta li l-

piena moghtija mill-ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*".

**"…As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):**

**""The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will…be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '…that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."**

**This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.[1]"**

---

[1] The Republic of Malta vs v. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek tal-25 ta' Awissu 2005

Issa l-piena komminata ghar-reati li dwarhom l-appellanti gie misjub hati hija fil-minimum taghha dik ta' sitt xhur prigunerija u multa ta' mhux inqas minn €465.87[2]. Dan ifisser allura illi l-piena ta' tmien xhur prigunerija u multa ta disa mitt ewro kienet certament tqarreb hafna lejn il-minimu meta wiehed iqies illi r-reati addebitati lill-appellanti igorru l-massimu ta' piena ta' erba' snin prigunerija u multa ta' €11,646.87 u l-Ewwel Qorti kienet allura tassew klementi mal-appellanti fil-piena erogata.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata ikkonfermata.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

Franklin Calleja

Deputat Registratur

[2] Ara artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101